MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2014

Talba Numru. 419/2013

**Mobisle Communications Limited**

**C 24655**

**Vs**

**Hyams Leonard Robert**

**ID 58773A**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-16 ta' Lulju, 2013, illi 'l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' elf, u hames u hamsin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€1,055.78) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kummikazzjoni bl-akkont numru A/C 51081935 u A/C 40159079 moghtija mis-socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2 – prospett u ftheim ghall-akkont relattiv A/C51081935 u Dok IZY3 u Dok IZY4 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv A/C 40159079 u Dok IZY5 estratt mir-

Registru Elettorali, u Dok IZY6 – kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Il-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha issir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tat-28 ta' Mejju, 2014 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tat-28 ta' Mejju, 2014 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' elf, u hames u hamsin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€1,055.78) bl-imghax legali sa mid-data tal-prezentata tat-talba odjerna sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez ikunu a karigu tal- konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------